TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 15/13/GB

**Francis Falzon**

**vs**

**Stephan Fenech – Alu. Care Mosta Ltd.**

Illum 2 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u sittin Ewro (€460.00), rapprezentanti l-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghal zewg twieqi ta' l-aluminium, liema twieqi kienu difettuzi.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ordna zewg twieqi zghar ta' l-aluminium minghand is-socjeta' ntimata, fejn talab garanzija li l-ilma tax-xita ma jghaddix minnhom. Madanakollu, xorta kellu problemi, kemm bir-rih diehel minnhom, izda l-iktar bl-ilma tax-xita jidhol gewwa. Ir-rikorrent cempel lis-socjeta' ntimata kemm-il darba. Is-socjeta' ntimata pprovat tirranga xi haga, pero' kollu kien ghal xejn.

lamenteli tieghu sempliciment l-efforts taghha kienu ghal xejn. Il-problema beda jesperjenzha ftit xhur wara. L-aghar huwa meta x-xita u/jew ir-rih ikunu faccata. Huwa staqsa pariri minn x'imkien iehor imma hadd ma mar fid-dar tieghu. L-ilma jingabar fuq is-soll imbaghad jidhol gewwa. Vizwalment ma jidhrux id-difetti. It-twieqi l-antiki kien qalaghhom hu personalment sabiex jassigura ruhu illi ma kien hemm l-ebda problema mad-dawra kollha.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.FF1; flimkien ma' kopja ta' ittra li kien baghat lis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.FF2.

Xehdet Antoinette Falzon, prodotta mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata taghha hija stqarret li fix-xitwa kien jidhol hafna ilma minn dawn it-twieqi in kwistjoni u ghalhekk hija u r-rikorrent kienu iddecidew li jbiddluhom. Ordnaw twieqi godda minghand is-socjeta' ntimata li ma kienux sliding kif xtaqu huma. Irrizulta illi kif installaw it-twieqi l-godda u waslet ix-xitwa il-problema zdiedet aktar. Wahhlu paraventi kif issuggerilhom l-intimat pero' kien kollu ta' xejn.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija tara hafna nies u ma tiftakarx lill-konsumatur pero' tassumi li hadmitlu. B'referenza ghar-ricevuta Dok.FF1 datata 16 ta' Dicembru 2010, spjegat li r-ricevuta tkun harget wara li jkun sar ix-xoghol, jigifieri x-xoghol kien sar fl-ewwel gimgha ta' Dicembru 2010. Hija stqarret li ma tiftakarx jekk kien hemm xi talba specifika. Meta twahhal xi haga hija ticcekkja li jaghlqu sew. Ma tiftakarx li l-klijent xi darba lmenta minn ilma diehel.

Is-socjeta' ntimata ssollevat il-preskrizzjoni ta' sitt xhur taht l-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-preskrizzjoni, ossia dekadenza, eccepita tapplika ghall-azzjoni redibitorja u ghal dik stimatorja disponibbli taht il-Kodici Civili;
2. L-azzjoni odjerna izda m'hijiex azzjoni redibitorja jew stimatorja intentata taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili izda hija azzjoni intentata ai termini tal-Artikoli 73 u 74 tal-Att dwar l-Affarjiet tal-Konsumatur (Kap. 378);
3. Il-Kap.378 jikkostitwixxi *lex specialis* li tohloq* Tribunal b'gurisdizzjoni specjalizzata fil-kaz ta' talbiet imressqa minn konsumatur kontra negozjant u jikkonferixxi rimedji li jmorru lil hinn minn dawk provduti mill-azzjoni stimatorja jew dik redibitorja.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent qieghed jitlob il-hlas lura ta' erbgha mija u sittin Ewro (€460.00) ghax-xoghol hazin tat-twieqi u ta' hsara morali li giet ikkagunata lilu.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda u kkunsidrata bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jintwera matul din il-kawza:

1. Fl-ewwel lok, it-talba u l-azzjoni tar-rikorrent hi preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba u l-azzjoni tar-rikorrent hi preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll ai termini tal-Artikolu 78 tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta), f'kaz illi dawn l-Artikoli jirrizultaw wkoll applikabbli;

3. Fit-tielet lok, f'kaz illi t-talba tar-rikorrent tressqet ukoll kontra Stephan Fenech f'ismu personali dik it-talba fil-konfront tieghu ghandha tirrizulta li hi improponibbli stante li n-negozju in kwistjoni gie ezercitat ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Alu Care Mosta Limited (C32359);

4. Fir-raba' lok, fi kwalunkwe kaz, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet, fil-mertu it-talba tar-rikorrent hi nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi t-twieqi li jirreferi ghalihom ir-rikorrent saru u twahhlu skond is-sengha u l-arti;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra r-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

In kontro-ezami, l-istess rikorrent xehed illi kien qed jirreferi ghat-twieqi qodma (ta' qabel) fl-ittra tieghu. It-twieqi ta' qabel ma jafx x'kellhom hazin ghaliex huwa m'huwiex tekniku u ma jifhimx fl-aluminium. Stqarr illi l-intimat kien mar id-dar tieghui darbtejn. Il-paraventi saru mis-socjeta' ntimata. Qatt ma ccekkja x'kellhom jew x'seta' kellhom it-twieqi il-qodma jew jekk kienx hemm xi difett fl-istruttura. Meta giet twahhal it-twieqi huwa kien avza lis-socjeta' ntimata li hemm hekk jaghmel hafna rih, pero' l-affarijiet li ghamlet ma mexxewx u huwa baqa' bl-istess problema. Ma jistax jghid li njorat il-

4. Skond l-Artikolu 75 tal-Kap. 378 dan it-Tribunal jista' jordna t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-oggett mertu tal-kawza oltre li jordna l-hall tal-kuntratt jew ir-rifuzjoni ta' parti mill-prezz. It-Tribunal jista' anki jillikwida danni morali fill-kazijiet kongruwi. L-azzjonijiet previsti mill-Kodici Civili huma ferm aktar limitati in kwantu jikkontemplaw biss il-hall tal-bejgh jew altrimenti t-tnaqqis tal-prezz. Minn dan jikkonsegwi li l-azzjoni odjerna ma tistax titqies semplici azzjoni redibitorja jew stimatorja.

5. Aktar fondamentalment il-Kap.378 jikkontempla perijodu dekadenzjali ta' sentejn (vide Artikolu 78 tal-Kap. 378) ghall-azzjonijiet li jingabu quddiem dan it-Tribunal. Ma jaghmilx sens li l-istess azzjoni tkun milquta minn zewg preskrizzjonijiet differenti.

6. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal il-Kap 378 jammonta ghal *lex specialis* ghar-ragunijiet imfissra aktar 'l fuq. Huwa pacifiku li *lex specialis derogat generalis* u konsegwentement il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili ma tapplikax ghall-azzjoni *de quo.*

7. It-Tribunal huwa mgharraf bil-fatt illi jezistu sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn giet applikata l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1431(1) ghal azzjonijiet mibdija quddiem dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal izda ma jaqbilx ma' tali gurisprudenza ghar-ragunijiet migjuba aktar 'l fuq u ser jiddipartixxi mill-istess gurisprudenza. It-Tribunal qieghed jiehu din id-decizjoni b'responsabiltà kbira u wara li haseb fit-tul dwar din il-kwistjoni. Apparti l-argument bazat fuq il-principju *lex specialis derogat generalis,* dan it-Tribunal iqis li hemm konsiderazzjoni fondamentali ohra li trid issir. Ir-rimedji moghtija mill-Kap. 378 huma implementazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 1999/44/EC, "Directive on Certain Aspects of the Sale of Consumer Goods and Associated Guarantees". It-terminu ta' sentejn li jipprovdi ghalih l-Artikolu 78 tal-Kap. 378 johrog direttament mill-imsemmija Direttiva.

8. Is-sbatax-il preambolu tad-Direttiva jipprovdi li:

   *"Billi huwa xieraq li jkun limitat fiż-żmien il-perijodu li matulu l-bejjiegħ huwa responsabbli għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti fil-ħin ta' forniment ta' l-oġġetti; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għall-limitazzjoni fuq il-perijodu li fih il-konsumaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; sakemm dan il-perjodu ma jiskadix fi żmien sentejn mid-data ta' forniment; billi fejn, fil-leġislazzjoni nazzjonali, iż-żmien meta jinbeda perijodu ta' limitazzjoni m'huwiex iż-żmien tal-forniment ta' l-oġġetti, id-dewmien totali tal-perijodu ta' limitazzjoni li hemm provdut għalih fil-liġi nazzjonali m'għandux ikun anqas minn sentejn mill-ħin ta' forniment;"*

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, liema eccezzjoni giet milqugha in parte, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**